# REĠJUN TRAMUNTANA

112 Triq Ġulju, Buġibba, San Pawl il-Baħar SPB 2617, Malta.

**Laqgħa tar-Reġjun Tramuntana numru 14 ta' 2022, miżmuma nhar l-20 ta' Ottubru 2022, ġewwa l-Uffiċċju Amministrattiv tar-Reġjun Tramuntana.**

Il-Laqgħa bdiet fis-sitta ta' filgħaxija.

Preżenti

Membri Preżenti:

| | | |
|---|---|---|
| • Clifford Galea Vella | | President |
| • A.M.Muscat Fenech Adami | Naxxar LC | Viċi President |
| • John Buttigieg | Mellieħa LC | Membru |
| • Chris Grech | Mosta LC | Membru |
| • Kyle Mifsud | Mtarfa LC | Membru |
| • Trevor Fenech | San Ġwann LC | Membru |
| • Stephen Gatt | Hal Balzan LC | Sostitut |
| • Carlos Zarb | San Pawl il-Baħar LC | Sostitut |
| • Stefan Cordina | H'Attard LC | Membru |

Is-Segretarju Eżekuttiv – George Abdilla

Preżenti ukoll kien hemm id-Deputat Segretarju Eżekuttiv Kristina Camilleri

Membri Skużati:

| | | |
|---|---|---|
| • Paul Vella | Mġarr LC | Membru |
| • Alfred Grima | San Pawl il-Baħar LC | Membru |
| • Angelo Micallef | Hal Balzan LC | Membru |

14. AĠENDA

14.1. Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
14.2. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
14.3. Komunikazzjoni tal-President;
14.4. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Membri;
14.5. Kumunikazjoni – waste tender, Cars Rally,
14.6. Rapporti;
 14.6.1 Interview Board Report + Call for Executive Officer (scale 13)
14.7. Affarijiet *oħra* ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Regjonali li jkunu meħtieġa;
 14.7.1 Konsultazjoni Strategija Nazzjonali ghal-Kunsilli Lokali – Update
 14.7.2 SPI 10 - Latrini
 14.7.3 Leave Plan
 14.7.4 Festival Baned u Nar
 14.7.5 Transport Presentation – Bjorn
 14.7.6 Mandat – Mica Med
 14.7.7 Mandat – Antonella Galea
 14.7.8 Laqgħa ma' Hon Clayton Bartolo
 14.7.9 COP 27
 14.7.10 Regional Culture Strategy Launch
14.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;
14.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

---

Il-Laqgħa nfetħet fis-18:00 mil-President, is-Sur Clifford Galea Vella.

## - 14.1 Qari t' Apoloġiji

## - 14.2 Kunsiderazzjoni w Approvazzjoni tal-Minuti

Il-minuti tal-laqgħa numru 13 miżmuma f'Settembru 2022 ittieħdu bħala moqrija.
John Buttigieg ippropona li jkunu approvati u Chris Grech issekonda l-mozzjoni.
Il-membri qablu unanimament.

## - 14.3 Komunikazzjoni mil-President

- Il-President Clifford Galea tkellem ma' Roderick Busuttil rigward cultural tours li jistgħu jsiru fl-irħula tar-Reġjun. Talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jgħaddi l-informazzjoni lill-membri.
- Il-President Clifford Galea fakkar lill-membri li nhar it-Tnejn li ġej ser ikun hemm is-seminar tal-Active Ageing rigward l-Anzjani u ħeġġeġ lill-membri sabiex jattendu.



Tel. 21572770,– E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

- Il-President Clifford Galea aġġorna lill-membri fuq il-meeting rigward skemi mal-GreenPak fejn talbu lid-Direttur Ġenerali jestendu s-servizz għal wara Diċembru. Kif ukoll inqrat l-ittra li ntbagħtet mill-AKL. Il-membri iddiskutew.
- SIA ġie ffirmat mill-Universita ta' Malta
- Bolol Reġjonali fejn il-membri ddiskutew li tinħareġ expression of interest għal artisti u t-tema qablu li tkun Landmarks
- CCTV ngħata spjega rigward l-i*standard for risk assessment* u li ser jiġu finanzjati ħames (5) Cameras

## Deputat Segretarju Eżekuttiv

Is-SE propona sabiex tiġġedded il-pożizzjoni ta' Dep Seg Eż Kristina Camilleri għal 3 xhur oħra. Propona Clifford Galea u ssekonda Trevor Fenech. Il-membri qablu unanimament.

Fis-sitta u nofs, wasal l-onorevoli Ministru Clayton Bartolo. Is-Sur John Buttigieg, ippropona li titwaqqaf il-laqgħa sabiex il-membri jitkellmu mal-Ministru Clayton Bartolo li wasal għal-laqgħa. Carlos Zarb issekonda l-mozzjoni. Il-membri qablu u twaqfet il-laqgħa.

Fis-sebgħa tkompliet il-laqgħa.

## - 14.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Membri

## - 14.5 Komunikazzjoni

Waste Tender -
Cars Rally - Is-Segretarju Eżekuttiv żamm laqgħa ma' numru ta' Clubs tal-karozzi. Dawn qablu mal-proposta li tittella' car rally għall-ħabta ta' Marzu 2023 u tkun qed tinżamm fuq weekend. Ser ikun hemm iktar diskussjonijiet biex titfassal attivita li tittella' biex tiġbor fondi għal Malta Community Chest Fund.

## 14.6 Rapporti

1. Segretarju Eżekuttiv informa li l-ġimgħa l-oħra sar l-interview għal Executive Officer for Waste Management. Is-SE ippreżenta r-rapport tal-Bord tal-evalwazzjoni. Anne Marie Muscat Fenech Adami proponiet li r-rapport tal-bord ikun appprovat. John Buttigieg issekonda l-mozzjoni. Il-membri qablu unanimament.

2. Segretarju Eżekuttiv issuġġerixxa li minħabba l-ammont ta' xogħol mistenni jiżdied, hemm il-htieġa li jinħoloq il-post ta' Executive Officer ( scale 13 ) u talab biex ir-Reġjun jikkonsidra din il-pożizzjoni ġdida. Il-membri iddiskutew din it talba, u susugwentament, Stephen Gatt ippropona li tinħoloq din il-pozizjoni. Anne Marie Muscat Fenech Adami issekondat din il-mozzjoni. Il-membri qablu unanimament.

## – 14.7 Affarijiet oħra

1. Konsultazzjoni Strateġija Nazzjonali għall-Kunsilli Lokali - ġie spjegat u diskuss x’intqal waqt il-laqgħa ta’ Konsultazzjoni Strateġija Nazzjonali għall-Kunsilli Lokali u nforma l-membri li ntlaqat tajjeb ħafna.
2. SPI 10/2022 – Latrini scheme – Is-SE fakkar fl-iskema tad-DLG fuq latrini awtomatiċi u qal li r-Reġjun għandu 6 membri nteressati. Il-President qal li r-Reġjun għandu juri l-interess u japplika mad-dipartiment għal din l-iskema. Saret diskussjoni, fejn intalbu dettalji ta’ kif din ser topera. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li f’dan l-istadju, il-ħtieġa hi li r-Reġjun juri l-interess tiegħu; id-dettalji ser jinħadmu iktar tard. Anne Marie Muscat Fenech Adami ipproponiet li r-Reġjun għandu japplika għal din l-iskema. John Buttigieg issekonda l-mozzjoni. Il-Membri qablu unanimament.
3. Leave Plan - Il-President Clifford Galea propona lis-Segretarju Eżekuttiv isir kalendarju fejn kulhadd għandu aċċess għalih u jkun hemm il-leave ta’ kulhadd muri.
4. Festival Baned u Nar – Ġie diskuss u ntalbet sabiex tinħareġ expression of Interest għal Artistic Director. Carlos Zarb ippropona l-mozzjoni u ġiet issekondata minn Trevor Fenech. Il-membri qablu unanimament.
5. Transport presentation – Bjorn ippreżenta power point fejn spjega sistemi tat-traffiku inteliġenti u konferenza u fiera tat-teknoloġija li attenda għaliha. Kienet preżentazzjoni dwar studji attwali dwar il-ġestjoni tat-traffiku li qed isiru u kif din it-teknoloġija jew simili jistgħu jgħinu għal approċċ olistiku għal-problemi attwali.
6. Mandat Mica Med – Il-mandat ma ntlaqax mill-qorti. Abbażi ta’ digriet tal-qorti, u kif ukoll l-ittra tal-avukat, is-Segretarju Eżekuttiv spjega li l-Kunsilli għandhom bżonn tal-inqas, li jkollhom is-servizz ta’ manutenzjoni għal dawk id-dwal li huma dekorattivi. Huwa rrakkomanda li r-Reġjun jerġa jikteb lid-DG u jitlob li jinħareġ it-tender fid-dawl tas-sentenza tal-Qorti. Il-membri qablu ma’ dan is-suġġeriment u talbu lis-SE jikteb lid-DG.
7. Mandat Antonella Galea – Is-SE spjega li l-ebda Kunsill tar Reġjun mhu affettwat b’dan il-mandat minħabba li kollha kemm huma għandhom Segretarju Eżekuttiv tal-post.
8. Egypt COP 27 - Il-President Clifford Galea ippreżenta rapport taż-żjara fl-Eġittu. Spjega u ta kjarifiċi għall-ispejjeż żejda kif ukoll aġġornahom li kienet esperjenza ta’ ħafna tagħlim.
9. Regional Culture Strategy Launch - is- Segretarju Eżekuttiv informa lill-Membri li huma mistednin għal din il-Launch fis-16 ta’ Diċembru u ħeġġiġhom sabiex jattendu għaliha l-Universita Antika l-Belt.
10. Is-Segretarju Eżekuttiv preżenta żewg proġetti Co Funded mill-EU fejn Elisa Frosi spjegat lill-membri fiex jikkonsistu dawn il-proġetti. Dawn huma l-proġett RuYOU u CALTEGRA.
11. Is-SE preżenta t-tender tas-CCTV, kif ukoll it-tender for Risk Management, il-membri qablu li dawn imorru għand il-kuntratti sabiex ikunu ppublikati.



Tel. 21572770,– E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

## Anne - 13.8 Kunsiderazzjoni w Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti

L-iskeda 155 kienet ippreżentata. Stephen Gatt ippropona li tkun approvata. Trevor Fenech issekonda l-mozzjoni. Il-membri qablu unanimament

## - 13.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa ntemmet fid-disgħa ta’ filgħaxija.

Il-laqgħa li jmiss ser tkun nhar it-Tnejn 19 ta’ Diċembru 2022, fis-sitta ta’ filgħaxija.

| | |
|---|---|
| ______________________ | ______________________ |
| Clifford Galea | George Abdilla |
| President | Segretarju Eżekuttiv |

Approvati llum l-Erbgħa 19 ta Dicembru 2022.



Tel. 21572770,– E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt